

Brussell, 17 ta' Jannar 2022
(OR. en)

5386/22
ADD 1

AGRI 19
DELECT 7

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Jannar 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2022) 101 final - Annex
Suġġett:	ANNEX tar- REGOLAMENTO DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda l-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti speċifiċi għall-produzzjoni u l-użu ta' nebbieta organiċi, mhux organiċi u dawk fil-fażi ta' konverżjoni u materjal riproduttiv ieħor tal-pjanti.

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument C(2022) 101 final - Annex.

Mehmuż: C(2022) 101 final - Annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.1.2022
C(2022) 101 final

ANNEX

ANNEX

tar-

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti speċifiċi għall-produzzjoni u l-użu ta' nebbieta organiċi, mhux organiċi u dawk fil-fażi ta' konverżjoni u materjal riproduttiv ieħor tal-pjanti.

ANNEX

Il-Parti I tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 hija emendata kif ġej:

(a) Il-punt 1.8.5.1 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“B’deroga mill-punt 1.8.1., meta *d-data* miġbura fil-bażi tad-*data* msemija fl-Artikolu 26(1) jew is-sistemi msemija fl-Artikolu 26(2) juru li l-*ħtiġijiet* kwalitattivi jew kwantitattivi tal-operatur fir-rigward ta’ materjal riproduttiv organiku tal-pjanti rilevanti ma jintlaħqux, l-operatur jista’ juża materjal riproduttiv tal-pjanti fil-fażi ta’ konverżjoni f’konformità mal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(4), jew materjal riproduttiv tal-pjanti awtorizzat f’konformità mal-punt 1.8.6.”;

(ii) il-paragrafu li ġej jiddaħħal wara l-ewwel paragrafu:

“Barra minn hekk, f’każ ta’ nuqqas ta’ disponibbiltà ta’ nebbieta organiċi, ‘nebbieta fil-fażi ta’ konverżjoni’, ikkummerċjalizzati f’konformità mal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(4), jistgħu jintużaw meta jtkabbru kif ġej:

(a) permezz ta’ ċiklu ta’ kultivazzjoni minn żrieragħ sa nebbieta finali li jdum mill-inqas 12-il xahar fuq roqgħa art li, matul dak l-istess perjodu, tkun lestiet perjodu ta’ konverżjoni ta’ mill-inqas 12-il xahar; jew

(b) fuq roqgħa art organika jew fil-fażi ta’ konverżjoni jew f’kontenituri jekk koperti mid-deroga msemija fil-punt 1.4, dment li n-nebbieta jkunu oriġinaw minn żrieragħ fil-fażi ta’ konverżjoni, maħsuda minn pjanta mkabbra fuq roqgħa art li tkun lestiet perjodu ta’ konverżjoni ta’ mill-inqas 12-il xahar.”;

(iii) it-tieni, it-tielet u r-raba’ paragrafi huma sostitwiti b’dan li ġej:

“Meta materjal riproduttiv organiku tal-pjanti jew fil-fażi ta’ konverżjoni jew materjal riproduttiv tal-pjanti awtorizzat f’konformità mal-punt 1.8.6. ma jkunx disponibbli fi kwalità jew kwantità suffiċjenti biex jissodisfa l-*ħtiġijiet* tal-operatur, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw l-użu ta’ materjal riproduttiv mhux organiku tal-pjanti soġġett għall-punti 1.8.5.3. sa 1.8.5.8.

Tali awtorizzazzjoni individwali għandha tinħareġ biss f’waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) meta l-ebda varjetà tal-ispeċi li l-operatur jixtieq jikseb ma tkun irreġistrata fil-bażi tad-*data* msemija fl-Artikolu 26(1) jew fis-sistemi msemija fl-Artikolu 26(2);

(b) meta l-ebda operatur li jikkummerċjalizza materjal riproduttiv tal-pjanti ma jkun jista’ jipproduċi l-materjal rilevanti riproduttiv organiku tal-pjanti jew fil-fażi ta’ konverżjoni, jew materjal riproduttiv tal-pjanti awtorizzat f’konformità mal-punt 1.8.6. fil-*ħin* għaż-*żriġh* jew għat-*tħawwil* f’sitwazzjonijiet fejn l-*utent* ikun ordna l-materjal riproduttiv tal-pjanti fi *żmien* raġonevoli biex jippermetti l-preparazzjoni u l-provvista ta’ materjal riproduttiv organiku tal-pjanti jew fil-fażi ta’ konverżjoni jew materjal riproduttiv tal-pjanti awtorizzat f’konformità mal-punt 1.8.6;

- (c) meta l-varjetà li l-operatur jixtieq jikseb ma tkunx irreġistrata bħala materjal riproduttiv organiku tal-pjanti jew fil-fażi ta' konverżjoni jew materjal riproduttiv tal-pjanti awtorizzat f'konformità mal-punt 1.8.6. fil-bażi tad-*data* msemija fl-Artikolu 26(1) jew fis-sistemi msemija fl-Artikolu 26(2), u l-operatur ikun jista' juri li l-ebda waħda mill-alternattivi rreġistrati tal-istess speċi ma hija xierqa b'mod partikolari għall-kundizzjonijiet agronomiċi u pedoklimatiċi u l-proprjetajiet teknoloġiċi neċessarji għall-produzzjoni li trid tinkiseb;
- (d) fejn ikun ġustifikat għall-użu fir-riċerka, test bi provi fuq il-post fuq skala żgħira, għal skopijiet ta' konservazzjoni tal-varjetà għal innovazzjoni tal-prodott u bi qbil mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat.

Qabel ma jitolbu kwalunkwe awtorizzazzjoni bħal din, l-operaturi għandhom jikkonsultaw l-bażi ta' *data* msemija fl-Artikolu 26(1) jew is-sistemi msemija fl-Artikolu 26(2) sabiex jivverifikaw jekk huwiex disponibbli materjal riproduttiv organiku tal-pjanti jew fil-fażi ta' konverżjoni jew materjal riproduttiv tal-pjanti awtorizzat f'konformità mal-punt 1.8.6 rilevanti u b'hekk jekk it-talba tagħhom tkunx ġustifikata.”;

(b) il-punt 1.8.5.2 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“B'deroga mill-punt 1.8.1, l-operaturi f'pajjiżi terzi jistgħu jużaw materjal riproduttiv tal-pjanti fil-fażi ta' konverżjoni f'konformità mal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(4), jew materjal riproduttiv tal-pjanti awtorizzat f'konformità mal-punt 1.8.6. meta jkun iġġustifikat li l-materjal riproduttiv organiku tal-pjanti ma jkunx disponibbli fi kwalità jew kwantità suffiċjenti fit-territorju tal-pajjiż terz li fih ikun jinsab l-operatur.”;

(ii) it-tielet paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“L-awtoritajiet jew il-korpi ta' kontroll rikonoxxuti f'konformità mal-Artikolu 46(1) jistgħu jawtorizzaw operaturi f'pajjiżi terzi biex jużaw materjal riproduttiv mhux organiku tal-pjanti f'unità tal-produzzjoni organika, meta l-materjal riproduttiv organiku tal-pjanti jew fil-fażi ta' konverżjoni jew materjal riproduttiv tal-pjanti awtorizzat f'konformità mal-punt 1.8.6 ma jkunx disponibbli fi kwalità jew kwantità suffiċjenti fit-territorju tal-pajjiż terz fejn jinsab l-operatur, skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-punti 1.8.5.3., 1.8.5.4., 1.8.5.5. u 1.8.5.8.”;

(c) jiddaħħlu l-punti 1.8.5.8 u 1.8.6 li ġejjin:

“1.8.5.8. L-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jawtorizzaw l-użu ta' nebbieta mhux organiċi fil-każ ta' nebbieta ta' speċijiet li jkollhom ċiklu ta' kultivazzjoni kkompletat fi staġun wieħed tat-tkabbir, mit-trapjant tan-nebbiet sal-ewwel ħsad tal-prodott.

1.8.6. L-awtoritajiet kompetenti jew, fejn xieraq, l-awtoritajiet ta' kontroll jew il-korpi ta' kontroll rikonoxxuti skont l-Artikolu 46(1) jistgħu jawtorizzaw lill-operaturi li jipproduċu materjal riproduttiv tal-pjanti għall-użu fil-produzzjoni organika biex jużaw materjal riproduttiv mhux organiku tal-pjanti, meta l-pjanti omm jew, fejn rilevanti, pjanti oħra maħsuba għall-produzzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti u prodotti f'konformità mal-punt 1.8.2. ma

jkunux disponibbli fi kwantità jew kwalità suffiċjenti, u jqiegħdu tali materjal fis-suq għall-użu fil-produzzjoni organika dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-materjal riproduttiv mhux organiku tal-pjanti użat ma jkunx ġie trattat bi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti wara l-ħsad ħlief dawk awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 24(1) ta' dan ir-Regolament, sakemm ma jkunx ġie preskritt trattament kimiku f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/2031 għal finijiet fitosanitarji mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għall-varjetajiet kollha u l-materjal eteroġenju kollu ta' speċijiet partikolari fiż-żona fejn irid jintuża l-materjal riproduttiv tal-pjanti. Meta jintuża l-materjal riproduttiv mhux organiku tal-pjanti li jkun ġie ttrattat b'dak it-trattament kimiku preskritt, ir-roqgħa art li fuqha jkun qed jikber il-materjal riproduttiv tal-pjanti ttrattat għandu jkun soġġett, fejn xieraq, għal perjodu ta' konverżjoni kif previst fil-punti 1.7.3. u 1.7.4;
- (b) il-materjal riproduttiv mhux organiku tal-pjanti użat mhuwiex nebbieta ta' speċijiet li għandhom ċiklu ta' kultivazzjoni komplut fi staġun wieħed tat-tkabbir, mit-trapjant tan-nebbiet sal-ewwel ħsad tal-prodott;
- (c) il-materjal riproduttiv tal-pjanti jitkabbar f'konformità mar-rekwiżiti l-oħra kollha rilevanti tal-produzzjoni tal-pjanti organiċi;
- (d) l-awtorizzazzjoni għall-użu ta' materjal riproduttiv mhux organiku tal-pjanti għandha tinkiseb qabel ma jinżera' jew jitħawwel il-materjal;
- (e) l-awtorità kompetenti, l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll responsabbli għall-awtorizzazzjoni għandhom jagħtu l-awtorizzazzjoni biss lill-utenti individwali u għal staġun wieħed kull darba, u għandhom jelenkaw il-kwantitajiet tal-materjal riproduttiv tal-pjanti awtorizzati;
- (f) b'deroga mill-punt (e), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu kull sena jagħtu awtorizzazzjoni ġenerali għall-użu ta' speċi jew sottospeċi partikolari jew varjetà ta' materjal riproduttiv mhux organiku tal-pjanti u jagħmlu l-lista ta' speċijiet, sottospeċijiet jew varjetajiet disponibbli għall-pubbliku u jżommuha aġġornata fuq bażi annwali. F'dak il-każ, dawk l-awtoritajiet kompetenti għandhom jelenkaw il-kwantitajiet ta' materjal riproduttiv mhux organiku tal-pjanti awtorizzati;
- (g) l-awtorizzazzjonijiet mogħtija f'konformità ma dan il-paragrafu għandhom jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2036.

Sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena u għall-ewwel darba sat-30 ta' Ġunju 2023, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra l-informazzjoni fuq l-awtorizzazzjonijiet aċċettati f'konformità mal-ewwel paragrafu.

L-operaturi li jipproduċu u jikkummerċjalizzaw il-materjal riproduttiv tal-pjanti prodott f'konformità mal-ewwel paragrafu għandhom jitħallew jipubblikaw, fuq bażi volontarja, l-informazzjoni speċifika rilevanti dwar id-disponibbiltà ta' tali materjal riproduttiv tal-pjanti fis-sistemi nazzjonali stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 26(2). L-operaturi li jagħżlu li jinkludu tali informazzjoni għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tiġi aġġornata regolarment, u tiġi rtirata mis-sistemi nazzjonali ladarba l-materjal riproduttiv tal-pjanti ma jibqax disponibbli. Meta joqogħdu fuq l-awtorizzazzjoni ġenerali

msemija fil-punt (e), l-operaturi għandhom iżommu rekords tal-kwantità użata.”